MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 896/2003

**A B**
**vs**
**C D E**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Premess illi l-attur u l-konvenuta kellhom relazzjoni ghal dawn l-ahhar erba' (4) snin;

U premess illi mill-imsemmija relazzjoni twieldet tarbija F G B, illi hija l-wild naturali ta' l-attur li rrikonoxxa l-istess tarbija bhala tieghu fic-certifikat tat-twelid (Dok. A);

U premess fis-sebgha (7) ta' Awwissu elfejn u tlieta (2003), il-konvenuta telqet mid-dar minghajr pre-avviz

flimkien ma’ iben il-kontendenti F G u marret toqghod Dar Merhba Bik f’ Hal Balzan;

U premess illi minghajr ebda raguni, il-konvenuta qed tirrifjuta illi tkellem lill-attur, jew thalli lil F G B ikellem jew jiltaqa’ ma’ missieru;

U premess illi l-konvenuta hija Amerikana, u m’ ghandha lil hadd jigi minnha residenti hawn Malta u di piu kemm-il darba uriet l-interess illi terga’ tmur tirrisjedi gewwa l-Istati Uniti;

U premess illi l-genituri ta’ l-intimata huma residenti gewwa l-Istati Uniti;

U premess illi fid-dsatax (19) ta’ Awwissu elfejn u tlieta (2003), l-attur ipprezenta Mandat ta’ Inibizzjoni kontra l-konvenuta ai termini ta’ artikolu 877 tal-Kap 12, sabiex iwaqqafha milli tiehu lil binhom minuri F G B barra minn Malta, liema mandat gie milqugh u akkordat fl-istess gurnata (Dok. B);

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex m’ ghandiex dina l-Qorti ghar-ragunijiet fuq premessi u previa kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tiddikjara li l-attur ghandu dritt li jara u jkollu access ghat-tarbija fuq imsemmija F G B taht dawk il-kundizzjonijiet li jidrilha xierqa dina l-Qorti;

2. Tordna lill-konvenuta taghti access lill-attur skond kif jigi stabbilit minn dina l-Qorti fid-dawl ta’ l-ewwel talba;

3. Tikkonferma definittivament l-effetti tal-Mandat ta’ Inibizzjoni numru 1407/03 fl-ismijiet premessi;

4. Tordna li kopja ta’ dina s-sentenza tigi notifikata lill-Kummissarju tal-Pulizija, l-ufficjal ewlieni fl-ufficcju tal-passaporti, d-direttur ta’ l-ufficcju tal-passaporti sabiex ma jinharigx passaport lill-minuri F G B minghajr il-kunsens taz-zewg genituri;

Bl-ispejjez tal-prezenti, inkluzi tal-Mandat ta’ Inibizzjoni 1407/03 kontra l-konvenuta minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet li biha l-konvenuta eccepiet:

1. Illi hija ma toggezzjonax ghall-ewwel u t-tieni talba ta’ l-attur b’ dan illi l-access ghandu jigi ezercitat taht kundizzjonijiet li jissalvagwardjaw l-interessi u s-sigurta’ tal-minuri u f’ kull waqt ghandu jitqies x’ inhu l-ahjar interess tal-minuri kemm f’ dak li hu access kif ukoll f’ dik li hija trobbija u l-ambjent familjari tal-minuri F G.

2. Illi t-tielet u r-raba’ talba ta’ l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-kura u l-kustodja tal-minuri F G giet fdata f’ idejn l-esponenti u hija l-istess esponenti li ghandha tiehu decizjonijiet dwar it-trobbija tal-minuri dejjem fl-ahjar interess tal-minuri u dejjem b’ konsiderazzjoni ghad-dritt ta’ access tal-missier ghall-istess minuri.

3. Illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri F G li jitrabba ma’ ommu l-esponenti u mal-familja t’ ommu fl-Istati Uniti kif ser jigi ppruvat fil-kawza.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda u l-affidavits prezentati;

Rat ir-rapporti prezentati mill-haddiema socjali Markaren Galea, u mill-Psikjatra Dottor Joseph Cassar, minnhom debitament mahlufa;

Rat il-verbal kongunt registrat fl-udjenza tal-31 ta’ Jannar 2008;[1]

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-guramnet;

Ikkunsidrat;

---

[1] Fol.246

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li jinghata access ghal ibnu F G B li twieled mill-konvenuta fl-10 ta' Marzu 2000; kif ukoll sabiex din il-Qorti tinibixxi li l-konvenuta tohrog lill-minuri minn dawn il-Gzejjer, u dan wara li hu kien talab u ottjena mandat ta' impediment tal-partenza numru 1407/03.

Minn naha taghha, il-konvenuta filwaqt li taccetta li jigi stabbit access favur il-missier, qed topponi li hi tigi nibita milli ssiefer bil-minuri, stante li hi kienet giet fdata bil-kura u kustodja tal-minuri u hija l-konvenuta "li ghandha tiehu decizzjonijiet dwar it-trobbija tal-minuri dejjem fl-ahjar interess tal-minuri, u dejjem b' konsiderazzjoni ghad-dritt ta' access tal-missier ghall-istess minuri."[2] Hija ssostni li "huwa fl-ahjar interess tal-minuri F G li jitrabba ma' ommu u mal-familja t' ommu fl-Istati Uniti kif ser jigi ppruvat waqt il-kawza."[3]

**Kwadru tal-fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-attur, cittadin malti, kellu relazzjoni ta' circa erba' snin mal-konvenuta, cittadina amerikana, u minn din ir-relazzjoni twieled il-minuri F G B fl-10 ta' Marzu 2000. Fil-frattemp, filwaqt li huma kellhom il-hsieb li jizzewwgu, ghamlu zmien jghixu f' post sovrastanti ghar-rezidenza tal-genituri ta' l-attur, u ghalhekk dawn kellhom kuntatt kontinwu mal-konvenuta, u eventwalment mal-minuri, allura neputi taghhom, meta twieled.

Jidher li biz-zmien dan il-kontatt kontinwu mal-genituri ta' l-attur beda jdejjaqha u riedet izjed liberta'. Eventwalment telqet mid-dar u marret tghix f' Dar Merhba Bik.

Illi hija opportuna l-osservazzjoni li, filwaqt li l-konvenuta tallega li l-attur kien gieghlha tohrog mieghu fil-forza, kien stupraha diversi drabi, u kien izommha maqfula u kien vjolenti maghha, minn naha tieghu l-attur, konfortat bl-affidavits tal-genituri tieghu, jaghti stampa diversa, u fil-

[2] Fol.43
[3] Ibid.

fehema tal-Qorti aktar verosimili minn dik moghtija mill-konvenuta. Huwa jghid li meta huma kienu ltaqghu, fil-bidu l-konvenuta kellha l-inkwiet ma' ommha li eventwalment spiccat biex marret lura l-Amerika. Fil-frattemp twieled it-tifel u "konna nghixu hajja normali." u anke kienu qed jahdmu fuq id-decizjoni taghhom li jizzewwgu. Huwa pero' jghid li fis-7 ta' Awissu 2003 il-konvenut telqet mid-dar fejn kienu qed joqghodu ghax kienet xebghet hemmhekk.

Illi fir-rapport[4] tieghu l-perit gudizzjarju, il-Psikjatra Dottor Joseph Cassar jaghmel is-segwenti osservazzjonijiet:

Ma gie pruvat ebda abbuz fuq il-minuri; u t-tifel imur tajjeb "hafna" kemm ma' l-omm kif ukoll mal-missier. Illi kemm il-minuri kif ukoll il-genituri tieghu ma jidhirx li jsofru minn mard jew kondizzjonijiet psikjatrici.

Illi pero' l-espert josserva li l-konvenuta qeda tbati minn biza' li jista' jigri xi haga lill-minuri minhabba dak li jghidulha n-nies u x' tisma fuq it-televizjoni. Hija ghandha biza li l-missier jisraq lit-tifel u jahrab bih f' xi pajjiz iehor jew li l-Qorti tohdilha t-tifel. Dan qed jikkreja "hafna anzjeta" fuqha, u, stante li fil-prezent jidher li m' ghandhiex appogg relazzjonali jew familjari, hija qed tbati hafna.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi, in kwantu ghall-allegazzjonijiet ta' natura kriminuza maghmula mill-konvenuta fil-konfront ta' l-attur, il-Qorti tosserva li dawn ma jsibux konfort fil-provi, anzi jinsabu kontraddetti mill-fatt li dina kienet accettat li tghix ma' l-attur f' post sovrastanti l-genituri tieghu, li l-genituri ta' l-attur xehedu li l-koppja kienu jghixu hajja normali.

Illi mill-atti processwali jirrizulta ampjament li l-partijiet kienu jinsabu mqabbdin f' taqbida harxa dwar l-access ghat-tifel favur il-missier; ghax filwaqt li l-konvenuta kienet tinsisti li l-access ikun that supervizjoni, l-attur kien kontinwament jirriklama d-dritt tieghu li jkollu access adegwat ghal ibnu sabiex jibni relazzjoni tajba mieghu.

[4] Fol.224 *et seq.*

Inoltre, filwaqt li l-konvenuta hija mahkuma mill-biza’ li l-attur johdilha l-minuri, l-attur minn naha tieghu jinsab preokkupat bl-intenzzjoni tal-konvenuta, espressa minnha fin-nota ta’ l-eccezzjonijiet taghha, li dina tahrab lejn l-Amerika bit-tifel.

Illi dwar l-access, il-partijiet, wara diversi rikorsi u rapporti ta’ social workers, eventwalment qabblu dwar il-modalita’ ta’ l-access tal-missier, u fl-udjenza tal-31 ta’ Jannar 2008, il-partijiet prezenti, ddikjaraw, tramite d-difensuri taghom “li l-access kif qed jigi ezercitat fil-prezent huwa accettat miz-zewg partijiet, u dan kif ser jinghad: l-access tal-missier ikun kull nhar ta’ Erbgha bejn 4.30 pm u s-6.30 pm, u fi tmien il-gimgha mill-Gimgha mit-8.00pm sal-Hadd 8.00 pm.”[5]

Il-partijiet iddikjaraw ukoll li“fil-prezent ma hemmx kwistjonijiet dwar il-manteniment minn naha tal-missier ghall-minuri, li qed jithallas mill-missier.”

Illi l-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta car li z-zewg genituri jhobbu hafna lil binhom, u t-tnejn jixtiequlu l-gied; mill-banda l-ohra l-anzjeta’ kbira li qed tbati minnha l-konvenuta ghandha tigi ndirizzata minnha billi tfittex ghajnuna professjonali sabiex teghleb il-bizat li qed jahkmuha, u li ma jirrizultawx fondati mill-provi mressqa quddiem din il-Qorti.

Ferm il-premess il-Qorti thoss li jkun fl-interess tal-minuri li, fil-prezent jghix mal-konvenuta,  li l-access favur il-missier ikun kif fuq konkordat bejn il-partijiet.

Tordna wkoll, fl-interess tal-minuri, li c-children’ s allowance u kull beneficcju socjali relatat mal-minuri ghandh  jigi percepit mill-konvenuta.

Illi rigward it-tielet u r-raba talba, ghalkemm il-konvenuta fin-nota taghha teccepixxi li jkun “fl-ahjar interess tal-minuri li dana jitrabba ma’ ommu u mal-familja ta’ ommu

[5] Fol.246

fl-Istati Uniti kif ser jigi ppruvat fil-kawza."[6], il-Qorti tosserva li ma jirrizultax provat li jkun fl-interess tal-minuri li dana jitrabba fl-Istati Uniti u mhux f' Malta.

Inoltre, jigi osservat li l-konvenuta, minn mindu kellha seba' [7] snin, dejjem ghexet f' Malta, u baqghet Malta ghax riedet tibqa' tghix hawn, u allura, ghalkemm jidher li din zammet ic-cittadinanza amerikana, ma jistax validament jinghad li Malta huwa pajjiz barrani ghaliha, ghal kuntrarju ta' l-Istati Uniti.

Din il-konsiderazzjoni tikkrea mpressjoni valida f' mohh din il-Qorti li l-iskop principali tal-konvenuta f' dan ir-rigward huwa li tipprova taqta' r-relazzjoni li l-attur ghandu ma' ibnu, forsi spirata mill-biza' taghha li dan ser jipprivaha minn binha; u dana tista' taghmlu biss jekk tmur tghix f' pajjiz iehor 'il boghod minn Malta.

Ghaldaqstant it-tielet u r-raba' talbiet huma gustifikati u jimmeritaw li jigu milqugha, fl-interess tal-minuri.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi"

[1] tilqa' l-ewwel u t-tieni talba fis-sens li takkorda lill l-attur access ghal ibnu minuri kull nhar ta' Erbgha bejn 4.30 pm u s-6.30 pm, u fi tmien il-gimgha mill-Gimgha mit-8.00pm sal-Hadd 8.00 pm.

[2] tilqa' t-tielet talba, u tinibixxi lill-konvenuta milli tiehu lill-minuri F Anthony B barra minn Malta, minghajr il-permess bil-miktub ta' l-attur, jew minghajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti;

[3] tilqa' r-raba' talba.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

[6] Supra – sottolinear tal-Qorti

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------